MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 31/2006

**Talba Nru: 31/06VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334) u b'digriet tad-29 ta' Novembru 2007, l-isem Maltacom p.l.c. inbidel ghal GO p.l.c. (C22334).

Vs

Carmelo Bonello (Id. 461550M) u Earthshield Environmental Projects (Malta) Limited (C14061), u b'digriet datat 1/12/2006, il-kelma 'Projects' giet kancellata u mibdula bil-kelma 'Product'.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuti, in solidum, ghandhom jaghtu lis-

socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm251.54) in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 487861 u 487862. Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas, huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-imghax u bl-ispejjes kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn eccepew illi (i) it-talbiet attrici huma preskritti skond il-ligi; (ii) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut Karl Bonello ma huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u ghalhekk jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (iii) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt fuq il-meritu.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Carmelo Bonello.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha ezebiti.

**Ikkunsidra.**

Illi fir-risposta taghhom l-konvenuti jecepixxu l-preskrizzjoni, izda jonqsu ghal kollox illi jsemmu l-Artikolu partikolari fil-ligi li huwa applikabbli ghall-kaz in kwistjoni.

Illi madankollu, huwa fatt ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, li f'dan il-kaz ghandha tapplika l-preskrizzjoni kwinkwennali ghab-bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk dan it-Tribunal l-ewwel ser jghaddi biex jiddeciedi jekk l-ammont mitlub huwiex preskritt ai termini ta' dan l-Artikolu.

Illi l-konvenut Carmelo Bonello xehed illi huwa direttur tas-socjeta' konvenuta Earthshield Environmental Product (Malta) Limited. Huwa xehed ukoll illi l-firma fuq id-'dokument B' li jinsab a fol. 3 tal-process, hija l-firma tieghu.

Illi dan id-dokument (Dok. B) juri bic-car li fit-30 ta' Awissu tas-sena 2001, il-konvenut Carmelo Bonello, kien accetta u ffirma ghan-nom tal-kumpanija Earthshield Environmental Product (Malta) Limited, li jithallsu 'instalments' mensili ta' mitt lira Maltin (Lm100) l-wahda, ghal hames xhur, sabiex jigi saldat il-kont kollu pendenti mas-socjeta' attrici.  It-Tribunal jikkunsidra li dan id-dokument fih inniffsu jikkostitwixxi ammissjoni cara illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa fil-fatt dovut.

Illi l-Avviz odjern gie pprezentat mis-socjeta' attrici fit-13 ta' Jannar 2006, u ghalhekk ma hemmx dubbju li ghaddew anqas minn hames snin minn meta gie ffirmat id-dokument fuq imsemmi sa meta gie pprezentat xi att gudizzjarju li seta' jinterrompi l-preskrizzjoni – u cioe f'dan il-kaz l-Avviz tat-Talba.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi michuda.

Illi mbaghad, fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, u cioe illi l-konvenut Carmelo Bonello mhuwiex il-legittimu kontradittur, u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, hawnhekk ukoll ghandha ssir referenza ghad-Dokument 'B' fuq imsemmi, ghaliex dan id-dokument kif gja inghad gie iffirmat mill-konvenut Bonello, li proprju accetta u ffirma hu stess illi kienu ser jithallsu l-pagamenti mensili dovuti.  Ghalhekk bl-ebda mod ma jista' jigi jghid f'dan l-istadju, l-konvenut Bonello, illi qatt ma dahal garanti ghas-socjeta' konvenuta jew li m'ghandu x'jaqsam xejn mat-talbiet attrici.

Illi fir-rigward ta' l-ahhar eccezzjoni tal-konvenuti, u cioe, illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt fuq il-mertu, t-Tribunal josserva illi ma ngabitx l-icken prova in sostenn ta' din l-eccezzjoni da parti tal-konvenuti, u ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll ma tistax tigi milqugha.

Ghaldaqstant, fl-ewwel lok dan it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti.

Fit-tieni lok, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna l-konvenuti, in solidum bejniethom, ihallsu s-somma ta’ hames mija u hamsa u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€585.93), ekwivalenti ghal Lm251.54, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------